# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **441/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**ALAN ZAMMIT**
[K.I. NRU. 51884M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-4 ta' Settembru, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmien mija u tlett ewro u erbgha u sebghin ewro centezmi (€803.74c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija migbura fil-kont bin-numru 55159446 kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji u l-imghaxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

F'dawn il-proceduri, ghalkemm debitament notifikat bl-atti processwali relattivi, il-konvenut jidher li ghazel li ma jikkontestax l-istanza promssa fil-konfront tieghu. F'dan is-sens ssir referenza ghal dak li hemm imfisser fil-verbali ta' l-udjenzi tad-29

ta' Jannar, 2019 (*a fol*. 18) u tas-27 ta' Marzu, 2019 (*a fol*. 23) fejn fl-ewwel wiehed hemm registrata n-notifika tal-konvenut filwaqt li fit-tieni wiehed hemm dikjarata l-kontumacja tieghu.

Fl-udjenza quddiem dan it-Tribunal tad-29 ta' Jannar, 2019 (ara *a fol*. 18), tramite nota, l-attrici gharrafet lit-Tribunal li l-konvenut kien hallas l-ammont ta' €420.00c mill-ammont mitlub ta' €803.74c (ara *a fol*. 21). Ghalhekk, l-ammont in kontestazzjoni huwa ta' tlett mija, tlieta u tmenin ewro u erbgha u sebghin ewro centezmi (€383.74c), apparti l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet kif mitluba fl-att promotur. Dan gie ukoll registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019 bil-gurament tar-rapprezentant tal-kumpannija attrici: "*Deher Paul Gatt, fil-kapacita' rapprezentattiva tieghu fuq premessa, li kkonferma bil-gurament tieghu, moghti seduta stante, illi l-Attrici ghadha kreditrici fil-konfront tal-Konvenut fl-ammont ta' EUR383.74 hekk kif deskritt fin-nota ta' riduzzjoni prezentata fid-29 ta' Jannar, 2019 (ara fol.21) u li l-ebda pagament iehor akkont ma sehh fil-mori tal-proceduri u li ghalhekk tali ammont ghadu interament dovut. Paul Gatt ikkonferma ukoll bil-gurament tieghu id-dokumentazzjoni a fol.2, 3, u 4 tal-process.*" (ara *a fol*. 23).

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Is-sitwazzjoni prezentata bil-prezenti vertenza hija li l-konvenut – ghalkemm ma kkontestax il-kawza b'mod formali u ritwali kif previst taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ligi Sussidjarja 380.01 (u allura waqa' fi stat ta' kontumacja kif puntwalizzat fil-verbal ta' l-udjenza tad-27 ta' Marzu, 2019) – implicitament ikkonfessa li hu debitur tal-kumpannija attrici u dan ghaliex hu, spontanjament u minn rajh, hallas cifra akkont fl-ammont ta' €420.00c direttament lill-istess attrici kif deskritt hawn fuq. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament akkont ta' €420.00c imwettaq mill-konvenut huwa, implicitament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu, u ghad ghandu, pendenti mal-kumpannija attrici kreditrici. Il-konvenut jidher li wettaq pagament akkont wiehed biss (dak appena msemmi *supra*) u ma ghamilx ohrajn ulterjuri. Dan, ghalhekk, igib li l-vertenza odjerna hi effettivament dwar l-ammont ta' €383.74c li ghadu dovut lill-kumpannija attrici.

Bhala konsegwenza, tali ammissjoni taghti lok ukoll li l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u kif ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-sorte rimanenti ta' €383.74c (i.e., bhala interessi moratorji *ex* Art. 1141(1) tal-Kodici Civili kombinat mà l-Art. 1130(1) ta' l-istess Kodici) ikunu attribwibbli lill-konvenut. Fi kliem iehor, bil-hlas imwettaq mill-konvenut ta' parti mid-dejn originali, hu attitra lejh ukoll l-obbligu accessorju li jindennizza kwalsiasi spejjez li dahlet fihom l-attrici kreditrici tieghu ghall-irkupru tal-kreditu u kif ukoll li jissalda l-imghax mitluf mill-istess kreditrici fuq l-imsemmi kreditu bilancjali.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjetà attrici s-somma, kif ridotta, ta' tlett mija, tlieta u temin ewro u erbgha u sebghin ewro centezmi (€383.74c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fuq l-imsemmi ammont mill-4 ta' Settembru, 2018 (data tas-sejha guddizzjarja odjerna) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*